**101. L-Onor. Carmelo Abela, Ministru ghall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ jipproponi:**

Illi 1-Kamra tad-Deputati:

Wara li rat il-proposta illi Malta tissieħeb fiċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Politika dwar il-Migrazzjoni (*International Centre for Migration Policy Development — ICMPD*) minħabba l-interess qawwi ta' Malta f'dan il-qasam, u liema Ċentru huwa organizzazzjoni internazzjonali bis-sede ewlenija tagħha ġewwa Vjenna, kif ukoll b'uffiċċji madwar id-dinja, u li għandha wkoll status ta' Osservatur man-Nazzjonijiet Magħquda, u li hija ffinanzjata barra mill-Istati Membri wkoll mill-Kummissjoni Ewropea, min-Nazzjonijiet Magħquda u entitajiet oħra;

Rat ukoll illi l-ICMPD diġà għandha uffiċċju reġjonali għall-Mediterran f'Malta;

Wara li kkunsidrat ukoll is-subartikolu (1) (c) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1983 dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap. 304);

Tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern sabiex Malta tissieħeb fiċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Politika dwar il-Migrazzjoni (ICMPD) skont is-subartikolu (2) (b) tal-artiklu 3 tal-Att tal-1983 dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap. 304).

28.02.2018